# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 2 ta' Marzu 2018**

**Numru 17**

**Rikors numru 1118/05 AE**

**Lorenza Bonnici, Catherine Buttigieg u Maria Rosaria Galea**

**v.**

**Maria Dolores Mifsud, Anna Cassar u Maria Dolores Mifsud bħala kuratriċi ta' Joseph Cassar u Raymond Cassar u dan skont digriet numru 1305/1998 u b'digriet tad-9 ta' Ottubru 2017 stante l-mewt ta' Raymond Cassar, il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Lorenza Bonnici, Catherine Buttigieg u Maria Rosaria Galea, kif ukoll fil-persuna tal-konvenuti Anna Cassar, Maria Dolores Mifsud u Joseph Cassar**

## Preliminari

**1.** Dan huwa appell ad istanza tal-atturi mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-26 ta' Settembru 2013, li permezz tiegħu qed jitolbu lil din il-qorti tvarja s-sentenza appellata billi:

(i) tikkonferma l-ewwel kap tas-sentenza appellata fejn ġiet miċħuda l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti appellati bl-ispejjeż kontra tagħhom; u

(ii) tvarja t-tieni kap billi tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti appellati u tilqa' t-talbiet tal-atturi appellanti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati.

**2.** Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

> "Permezz ta' citazzjoni prezentata fit-22 ta' Novembru 2005 l-atturi ppremettew li l-kontendenti huma wlied Salvatore u Carmela Cassar, u li Joseph u Raymond ahwa Cassar huma nterdetti skond digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili (1309/1998) u l-konvenuta Mifsud hi kuratrici taghhom. Dawn l-ahwa huma rikoverati fl-isptar San Vincenz.
>
> "Qalu wkoll li fil-21 ta' Ottubru 1992 il-genituri taghhom kienu ghamlu testment *unica charta* fl-atti tan-nutar Charles Vella Zarb u spjegaw id-disposizzjonijiet testamentarji. Salvatore Cassar miet fit-28 ta' Gunju 1997. Sussegwentement fit-13 ta' Ottubru 1997 Carmela Cassar ghamlet testment iehor.
>
> "L-atturi jsostnu li t-tieni testment li ghamlet ommhom sar meta t-testatrici ma kenitx tippossjedi l-fakultajiet mentali b'mod li ma setghetx tapprezza dak li qieghda taghmel u Carmela Cassar kienet mhedda u mgieghla taghmel dan it-testment minn bintha Maria Dolores Mifsud sabiex tiddisponi favur taghha kif ser jigi ppruvat.
>
> "Ghalhekk talbu lill-qorti sabiex:-
>
> 1. "Tiddikjara li meta Carmela Cassar ghamlet it-testment fit-13 ta' Ottubru 1997 fl-atti tan-nutar Dr Isabelle Gonzi, ma kenitx tipposjedi l-fakultajiet menatli taghha b'mod li ma setghetx tapprezza dak li qieghda taghmel u/jew kienet ghal kollox priva mill-volonta' stante theddid prattikat mill-konvenuta Maria Dolores Mifsud.

2. “Tiddikjara illi t-testment suddett huwa ghal kollox null u minghajr ebda effett fil-ligi.

“Permezz ta’ twegiba guramentata prezentata fit-22 ta’ Frar 2006 (fol. 71) il-konvenuti wiegbu:

1. “Nullita’ tac-citazzjoni ghaliex it-talbiet huma bazati fuq premessi mhux permissibbli bil-ligi a tenur tal-Artikolu 692 tal-Kodici Civili.
2. “Meta Carmela Cassar ghamlet it-testment kienet tippossjedi l-fakoltajiet mentali rikjesti sabiex tkun tista’ tiddisponi ghal wara mewta permezz ta’ testment.
3. “Carmela Cassar ma kinitx priva mill-volonta’ fil-mument li ghamlet it-testment.
4. “It-testment maghmul fit-13 ta’ Ottubru 1997 hu validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

“Il-qorti rat l-atti li jinkludu noti ta’ sottomissjonijiet li pprezentaw il-partijiet.

“**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**.

“B’riferenza ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet il-qorti tosserva li l-Artikolu 692 m’ghandu l-ebda rilevanza ghall-kaz in ezami. Dak il-provvediment mhux qieghed jipprovdi ghal kaz fejn jigi mpunjat il-validita ta’ testment. L-azzjoni ta’ l-atturi hi bazata fuq allegat inkapacita’ tat-testatrici li taghmel testment minhabba li jallegaw li ma kenitx mentalment kapaci li tapprezza dak li qeghda taghmel u/jew kienet ghal kollox priva mill-volonta’ minhabba theddid prattikat mill-konvenuta Maria Dolores Mifsud. Il-kapacita’ li persuna taghmel testment hi trattata fl-Artikolu 597 tal-Kodici Civili.

“Il-kaz jitratta dwar it-testment li sar minn Carmela Cassar fit-13 ta’ Ottubru 1997 fl-atti tan-nutar Dr Isabelle Gonzi. Jirrizulta li:-

i) “Mill-file mediku tat-testatrici, f’notament:-
(a) “Tat-13 ta’ Frar 1996 jinghad li l-memorja taghha kienet marret lura, iktar minn Mejju 1995;
(b) “Tas-16 ta’ April 1996 jinghad *“But memory deterioration”* u li ma kenitx qeghda taghraf lil zewgha u lill-uliedha, u f’xi okkazzjonijiet tkun dizorjentata;
(c) “Fis-27 ta’ Mejju 1996 jinghad li ser issir indagni jekk Carmela Cassar hijiex tbati minn dementia;
ii) “Carmela Cassar kienet mizzewwga lil Salvatore li miet fit-28 ta’ Gunju 1997;
iii) “Fl-4 ta’ Settembru 1997 il-psikjatra Dr John Pisani hareg certifikat fejn ikkonferma li Carmela Cassar kienet taht il-kura tieghu u tbati minn depressjoni; *“I further certify that, at present, she is mentally fit to manage her affairs and exercise her civil rights”* (fol. 89);

iv) “Fil-11 ta’ Ottubru 1998 iddahlet l-Isptar Monte Carmeli. Baqghet tghix sakemm mietet;

v) “Fil-file mediku hemm applikazzjoni datata 11 ta’ Mejju 1998 sabiex Carmela Cassar tmur tghix temporanjament f’dar tal-anzjani. Dwar l-istat mentali taghha jinghad li ***“Kultant imhawwad”***. L-applikazzjoni ffirmata minn Dr Mario Rizzo Naudi. Fil-parti *“Id-Dijanjozi u l-Istorja Medika”* tissemma biss id-depressjoni. F’dan id-dokument m’hemm l-ebda riferenza ghad-dementia.

vi) “Mill-istess file mediku jirrizulta li bejn id-19 ta’ Awissu 1998 sat-30 ta’ Settembru 1998 marret tghix San Vincenz de Paule peress li bintha, il-konvenuta Maria Dolores Mifsud, dahlet l-isptar taghmel operazzjoni. Fin-notamenti jinghad li ilha tbati mid-dementia ghall-iktar minn tlett snin.

vii) “Fit-3 ta’ Novembru 1998 it-tabib Dr Mario Rizzo Naudi hareg certifikat fejn iddikjara li Carmela Cassar tbati minn *‘senile dementia’* u *‘severe depression’* (fol. 50);

viii) “Il-psikjatra Dr Joseph Spiteri hareg certifikat mediku, datat 13 ta’ Jannar 1999, fejn iccertifika li Carmela Cassar tbati minn dementia; *“At present she is recovered at Mount Carmel. Mrs Cassar is unable to exert her civil rights. She is of unsound mind. In my opinion she would benefit from being interdicted.”* (fol. 304).

ix) “Fit-13 ta’ Ottubru 1999 Carmela Cassar giet interdetta wara rikors prezentat fil-5 ta’ Jannar 1999 mill-konvenuta Mifsud;

x) “Carmela Cassar mietet fl-24 ta’ April 2004 ta’ 78 sena (fol. 22).

“Fil-kors tas-smiegh tal-provi nstemghu numru ta’ tobba, fosthom:-

i. “**Dr Mario Rizzo Naudi** – spjega li Carmela Cassar kienet *“kwieta, uncommunicative*” (fol. 235).

ii. “**Dr Stephen Mangion** – ikkonferma li qatt ma kellu kuntatt ma’ Carmela Cassar (fol. 242).

iii. “**Dr Anthony Galea Debono** – Spjega li kien fi Frar 1996 li Carmela Cassar kienet giet ezaminata minhabba *“increasing memory disturbance”* u gharaf il-firma tieghu taht in-notament tat-13 ta’ Frar 1996 (ara file mediku fl-atti). Jirrizulta li fit-22 ta’ Janar 1996 dan it-tabib kien iffirma *“Ticket of Referral of a Patient to Hospital”* ghal Carmela Cassar (fol. 179). Fid-dokument jinghad: *“Referred for Dementia to Neurology Dept.”*. Qal ukoll li l-indikazzjoni li kellu kienet li l-pazjenta tbati mid-dementia, u kieku mitlub dak iz-zmien biex jiccertifika jekk f’dak iz-zmien kenitx kapaci taghmel testment, qal *“Ma kontx naghtiha f’dan l-istadji li rajtha jien”* (fol. 357). Ikkonferma wkoll li sabiex tkun taf jekk persuna li jbati minn dementia huwiex kapaci jaghmel testment trid tezaminah fil-hin li jkun ser jaghmel it-testment.

iv. “**Il-psikjatra Dr Joseph Spiteri** – ikkonferma li kien ezamina lil Carmela Cassar meta f’Ottubru 1998 iddahhlet l-isptar. F’dak l-istadju m’ghamilx xi ezami biex jara hijiex mentalment kapaci taghmel testment. Meta saritlu riferenza ghan-notamenti li hemm fil-file mediku kkonkluda li t-tabib Dr Galea Debono kien wasal ghall-konkluzjoni li ma kellix dimentia peress li b’riferenza ghal CT Scan li kien sarilha fil-bidu tas-sena 1996, in-notament kien *“within normal limits”*. Zied li fil-

fehma tieghu minn dak li kien jirrizulta mill-file mediku kien hemm zmien li t-testatrici qeghda tbati minn perjodi ta' problemi psikjatrici u zmien meta kellha *hallucinations* u wkoll delirju. Ikkonkluda li minn dak li kien inqralu mill-file mediku ma setax jasal ghal konkluzjoni li fiz-zmien li saru n-notamenti Carmela Cassar kienet qeghda tbati minn dementia.

"F'kazijiet fejn jigi mpunjat testment id-deposizzjoni tan-nutar li jkun kitbu hi ferm rilevanti. F'dan il-kaz in-nutar Gonzi xehedet f'zewg okkazzjonijiet:

i. "**Seduta 2 ta' Lulju 2010**, fejn principalment qalet li:

- "It-testment kien sar fil-presenza tal-konvenuta Maria Dolores Mifsud;
- *"Kienet qed tispjega certu affarijiet Doris niftakar car pero' jiena mbaghad eventually meta naqra t-testment inkun wahdi mat-testatrici"*. Qalet li Mifsud spjegat dwar access b'tarag;
- "Il-konnottati tat-testatrici nghataw minnha stess;
- "Id-dettalji tal-proprjeta li tissemma fit-testment intqalu lilha mit-testatrici u bintha;
- "Fuq osservazzjoni tal-qorti: *"Li kienet hemm kollox sew, imma ma kinitx hemm sempliciment qeghda thares",* wiegbet *"Le nahseb ikkontribwixxiet. I mean tkellimna"*;
- "Mistoqsija mill-qorti jekk il-konvenuta Mifsud qalitx lin-nutar lil min ghandha tithalla l-proprjeta, wiegbet *"Xi hadd qalli lil min ghandhom jithallew dawn jigifieri"* Qalet ukoll: *"Jien I recall it-tnejn bdew jitkellmu and I'm quite sure li Carmela kienet taf sew x'qed jigri"*. Spjegat li *"I was getting feedback from her u bdiet tkellimni wkoll jigifieri"*, u *"Li naf zgur li Karmena fehmet"*;
- "In kontro-ezami qalet li t-testatrici *"… she was fully lucid, kienet taf x'qed jintqal, kienet qed tikkontribwixxi ghal dak li qed jintqal"*;
- "Meta nqara t-testment il-konvenuta harget mill-ufficcju. Waqt il-qari tat-testment it-testatrici ma ghaddiet l-ebda kumment.

ii. "Seduta **tal-20 ta' Mejju 2011**, fejn principalment qalet:-

- "Meta sar it-testment kien hemm prezenti wkoll il-konvenuta Mifsud;
- "Mistoqsija min qalilha x'ghandu jitnizzel fit-testment, wiegbet *"Jiena ovvjament ma' Carmela Cassar tkellimt jigifieri."*;
- "Li ma tiftakarx jekk il-konvenuta tkellimtx waqt li kien qieghed jinkiteb it-testment, hlief ghal materja relatata mat-tarag;
- *"I'm quite sure illi t-testatrici kienet qeghda mieghi fis-sens li yes I was getting feedback minnha zgur ghax kieku ma kontx naghmlu"*;
- "Fuq domanda tal-qorti min kien qalilha x'kienu x-xewqat tat-testatrici, wiegbet li tiftakar lil Carmela Cassar titkellem;

- “Fiz-zmien li sar it-testment kienet ghadha kif bdiet tahdem fil-professjoni u kieku llum il-gurnata l-affarijiet kienet taghmilhom mod iehor;
- “Hi certa li t-testatrici kienet qeghda tifhem x’qed jigri;
- “Ma kenitx tiftakar jekk il-konvenuta Mifsud kenitx ippartecipat waqt li kien qieghed isir it-testment f’affarijiet ohra apparti l-materja relatata mat-tarag;
- “Ma tiftakarx jekk waqt li kien qieghed isir it-testment, Maria Dolores Mifsud ghamlitx suggerimenti;

“Rilevanti wkoll hu l-kontenut tat-testment (fol. 15-20). F’dan il-kaz it-testatrici halliet lil:-

(a) “bintha Anna Cassar id-deheb u hagar jew mettall prezzjuz (Tieni Artikolu);
(b) “uliedha John Joseph u Raymond il-vettura Austin Montego (Tielet Artikolu);
(c) “bintha Dolores Mifsud id-dar Saviour, Triq il-Qalb ta’ Gesu, iz-Zejtun bi hlas tas-servigi (Raba’ Artikolu);
(d) “bintha Dolores Mifsud il-garaxx li hemm mal-imsemmi fond bi hlas tas-servigi (Hames Artikolu);
(e) “bintha Dolores Mifsud somma li tkun baqa’ mill-pensjoni tat-testatrici, tkun fejn tkun (Sitt Artikolu);
(f) “uliedha John, Joseph, Raymond u Anna l-uzufrutt tal-fond 25, Anna House, Triq Michele Cachia, Zejtun; il-hanut 65 u l-mezzanin 64, Triq il-Papa Piju Ghaxra, Zejtun (Seba’ Artikolu);
(g) “Uliedha Mary Rose Galea, Dolores Mifsud, Lorenza Bonnici, Catherine Buttigieg, Anna Cassar, John, Joseph, u Raymond ahwa Cassar bhala werrieta universali (Tmien Artikolu).

“Jirrizulta li fil-21 ta’ Ottubru 1992 it-testatrici kienet ghamlet testment *unica charta* ma’ zewgha Salvatore (fol. 10). Meta taghmel paragun bejn it-testment oggett tal-kawza u t-testment *unica charta*, jirrizulta li:-

(a) “It-tieni artikolu tat-testment tat-13 ta’ Ottubru 1997 hu identiku ghat- tielet artikolu tat-testment *unica charta*. Dan jaghti lill-qorti x’tifehm li meta nkiteb l-ahhar testment, in-nutar Isabelle Gonzi kellha kopja tat-testment tal-21 ta’ Ottubru 1992 meta nkiteb l-ahhar testment.
(b) “Ir-raba’ artikolu tat-testment tat-13 ta’ Ottubru 1997 hu identiku ghar-raba’ artikolu tat-testment tal-21 ta’ Ottubru 1992, bl-eccezzjoni li fl-ewwel testment il-fond gie soggett ghall-uzufrutt tat-tfal John, Joseph, Anna u Raymond.
(c) “It-tfal John, Joseph Raymond u Anna thallew l-uzufrutt tal-fond 25, Anna House, Triq Michele Cachia, Zejtun kemm fit-testment *unica charta* u dak tat-13 ta’ Ottubru 1997.
(d) “Hemm differenzi li jikkonsistu fil-prelegati tat-Tielet, Hames, Sitt u Sebgha Artikoli tat-testment tat-13 ta’ Ottubru 1997. Jinghad ukoll li fit-testment *unica charta* l-atturi thallew bi prelegat il-fond Anna Hounse, 25, Triq Michele Cachia Zejtun (Sitt Artikolu) u l-werrieta

huma Mary Rose Galea, Dolores Mifsud, Lorenza Bonnici u Catherine Buttigieg (Seba' Artikolu). Min-naha l-ohra fit-testment oggett tal-kawza, dan il-fond issemma biss in kwantu t-testatrici ordnat li uliedha John, Joseph, Raymond u Anna jkollhom l-uzufrutt tieghu.

"Ix-xenarju li ghandha l-qorti quddiemha hi ta' persuna li ftit iktar minn xahar qabel it-testment giet certifikata li ghandha depressjoni, izda li kienet kapaci tezercita d-drittijiet civili. Sfortunatament it-tabib Pisani ma xehedx peress li kien lehaq miet. Il-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzjoni li probabilment l-attrici kienet qeghda tbati minn dementia. Il-qorti ma tistax tasal ghall-konkluzjoni li probabilment l-attrici kienet qeghda tbati minn dementia. F'dan ir-rigward:-

(a) "In-notamenti li saru fl-1996 fil-file mediku jirreferu ghall-indagni li kienet qeghda ssir ghal dementia. Pero' m'hemmx ir-rizultat finali, ghalkemm jissemma li Carmela Cassar kien qieghed ikollha *"increasing memory disturbance"*;

(b) "F'applikazzjoni biex tiddahhal f'dar ta' l-anzjoni ghal *respite*, datata 11 ta' Mejju 1998, it-tabib Dr Mario Rizzo Naudi ddikjara li Carmela Cassar tbati minn depressjoni. Ghal darb'ohra id-dementia ma tissemmix, ghalkemm jinghad li ghandha l-problema ta' *"wandering*" u kultant l-istat mentali taghha jkun imhawwad. Rilevanti wkoll li fejn fl-applikazzjoni hemm il-kliem "Agitazzjoni/Agressjoni", "Hallucinazzjonijiet" u "Paranoia", it-tabib ma ghamel l-ebda sinjal. Minn dan id-dokument stess il-qorti ma tistax tasal ghall-konkluzjoni li f'dak iz-zmien, cjoe' Mejju 1998, l-attrici ma kenitx f'sensiha biex taghmel testment. Dan minkejja li l-atturi jghidu li meta ghamlet it-testment kienet qeghda tbati minn *"dimensja qawwija"* (ara per ezempju affidavit ta' Lorenza Bonnici, fol. 151);

(c) "Fic-certifikat mediku tal-psikjatra Dr Pisani, ma tissemmix il-marda tad-dementia.

"Il-kawzali huma tnejn:-

(a) "Li t-testatrici *"…. **Ma kenitx tippossjedi l-fakultajiet mentali taghha** b'mod li ma setghetx tapprezza dak li qieghda taghmel". F'dan ir-rigward l-Artikolu 597 tal-Kodici Civili jipprovdi li m'humiex kapaci jaghmlu testment: "[….] (b) dawk li, ghalkemm mhux interdetti, ma jkunux kapaci li jifhmu……..."*; u
(b) ""….kienet **mhedda u mgieghla taghmel dan it-testment** mill-konvenuta Maria Dolores Mifsud biex tiddisponi favur l-istess Maria Dolores Mifsud";
"Kawzali li huma opposti ghal xulxin in kwantu tal-ewwel hi bazata fuq allegazzjoni ta' inkapacita', filwaqt li t-tieni kawzali tippresuponi li t-testatrici kienet kapaci taghmel testment izda l-volonta' taghha giet kondizzjonata b'mod negattiv minn theddid.

"Il-principji relatati mal-kapacita' mentali li persuna taghmel testment huma s-segwenti:-

1. "L-inkapacita' hi l-eccezzjoni, u l-presunzjoni *juris tantum* hi li t-testatur kien kapaci jaghmel testment.
2. "L-inkapacita' li wiehed jaghmel testment ghandha tigi ppruvata minn min irid jimpunja t-testmenti.
3. "It-testatur irid ikollu l-uzu tar-raguni fi grad tali li jippermettilu li jkun jaf x'inhu jaghmel.
4. "Il-prova ta' inkapacita' ghandha tkun konklussiva u **kull dubju ghandu jmur favur il-validita' tat-testment**.

"Kif osservat din il-qorti (Imhallef A.V. Camilleri) fil-kawza **Mifsud vs Giordano** deciza fit-8 ta' Marzu 1952 (Volum XXXVI.ii.404):*'f'materja ta' validita ta' testment l-kwistjoni li tirraggira ruhha dwar il-problema jekk il-partikulari testatur jinsabx f'kundizzjoni mentali tali, minhabba l-inkapacita' naturali, l'eta avvanzata, mard jew insanita, li jifhem li dak li jkun qieghed ihalli bit-testment mill-istess proprjeta tieghu jkun qieghed ihallih lil certa persuna jew persuni, li jifhem il-portata tal-estensjoni tal-assi tieghu u, li jifhem in-natura u l-effetti tal-att proprju fir-relazzjoni mal-pretensjonijiet naturali ta' dawk il-persuni li jigu eskluzi bit-testment tieghu.....*

"*Imma ghall-validita ta' testment **huwa bizzejjed li t-testatur ikollu l-kuxjenza, jew ahjar li jkun jaf u jifhem x'ikun qed isir**, u li fil-fatt ikun sar, b'mod li mhux imprexindibilment mehtieg li l-volonta intelligenti u liberat tat-testatur tkun perfettament u rigorozament sana.... Del resto, il-kliem ta' l-art 634(d) tal-Kodici Civili jidhru li gew mil-legislatur adoperati f'sens assolut u b'mod li tahthom ma jistghux jaqghu persuni ohra li ghalkemm mhux mija fil-mija rigorozament sani mentalment (bhal ma huma dawk li jbaghtu biex jifhmu, ta' intelligenza skarsa, ta' menti debboli, ta' idejat strambi jew dizordinata, l-istravaganti, l-eccentrici, u simili), eppure ma jistghux jinghadu li huma mhumiex f'sensihom'*.

"Wara li l-qorti rat l-atti, hi tal-fehma li:-

(1) "Ic-certifikat mediku tal-4 ta' Settembru 1997 mhu l-ebda prova certa li fit-13 ta' Ottubru 1997 Carmela Cassar kienet mentalment kapaci taghmel testment. Mill-provi rrizulta li t-testatrici kien qieghed ikollha problema ta' memorja. Inoltre, fic-certifikat mediku jinghad car u tond li jirreferi ghall-kundizzjoni ta' Carmela Cassar ***"at present"***.

(2) "Min-naha l-ohra l-problemi ta' sahha li kellha l-attrici lanqas m'huma prova li meta fit-13 ta' Ottubru 1997 ghamlet it-testment ma kenitx kapaci tifhem x'qeghda taghmel. L-inkapacita' li persuna taghmel testment trid tirrelata b'riferenza specifika ghall-mument li fih jigi redatt it-testment. Fil-fehma tal-qorti m'ghandux ikun li wiehed jipprezumi l-inkapacita' minhabba li fi zmien qabel jew wara t-testment kien hemm okkazzjonijiet meta t-testatur kien fi stat mentali fejn ma

kellux l-gharfien ta' dak li qieghed jaghmel. Dan ma jfissirx li kundizzjonijiet antecedenti u wara t-testment ma ghandhomx jigu valutati.

"L-atturi ressqu diversi xhieda sabiex jaghtu prova li l-attrici ma kenitx kapaci tifhem u tapprezza dak li qeghda taghmel meta ghamlet it-testment. Hekk per ezempju Jessie Schembri (fol. 311), Catherine Bondin (fol. 314), Paul Curmi (fol. 317), Salvina Curmi (fol. 319), Andrew Zammit (fol. 323), Catherine Zammit (fol. 328), Adelina Sultana (fol. 333) u Christopher Sultana (fol. 335). Hafna mix-xhieda li kienu jafuha ddeskrivewha bhala mara kwieta dejjem tahseb fuq l-erbat itfal li kellhom dizabilita'. Ohrajn ma ftakru xejn. Pero minn dak li qalu dawn ix-xhieda il-qorti ma tistax tasal ghall-konkluzjoni li fit-13 ta' Ottubru 1997 l-attrici ma kenitx f'sensiha biex taghmel testment. Filwaqt li kien hemm min pinga xenarju li t-testatrici kienet fi stat konfuzjonarju permanenti, mic-certifikat mediku ta' Dr Pisani ma jidhirx li din kienet is-sitwazzjoni. L-istess mid-dokument ffirmat mit-tabib Dr Rizzo Naudi fil-11 ta' Mejju 1998, li hi applikazzjoni sabiex tidhol taghmel zmien tghix San Vincenz de Paule. Dikjarazzjoni li saret xhur wara t-testment oggett tal-kawza, u fejn l-istat mentali taghha gie deskritt bhala *"kultant imhawwad"*. Dan ma jatix stampa ta' kundizzjoni permanenti jew abitwali. Ghalhekk ma jkunx lecitu li l-qorti tipprezumi li fit-13 ta' Ottubru 1997 Carmela Cassar kienet mentalment inkapaci li taghmel testment.

"Hu minnu li l-file mediku tat-testatrici juri, per ezempju, li f'Novembru 1994 kienet rikoverata l-isptar u jinghad li kienet konfuza, kellha *'delusions'* u *'auditory hallucinations'* (fil-11 u 12 ta' Novembru 1994). Pero m'hemmx dijanjozi li qeghda tbati minn dementia. L-istess fir-rigward tan-notamenti li saru bejn l-4 ta' Mejju 1995 u 9 ta' Mejju 1995. F'dan ir-rigward ukoll il-psikjatra Dr Joseph Spiteri, meta ddepona fis-seduta tad-19 ta' Dicembru 2011, ta taghrif siewi li jwassal lill-qorti biex tghid li mill-file mediku m'huwiex possibbli li tikkonkludi li fiz-zmien li saru n-notamenti, it-testatrici kienet qeghda tbati minn dementia, kuntrarjament ghal dak li taw x'jifhmu l-atturi.

"L-atturi jsostnu li l-kontenut tat-testment hu prova fih innifsu dwar l-istat mentali tat-testatrici. F'dan il-kuntest ghamlu riferenza ghal fatt li t-testatrici halliet vettura lill-uliedha li ghandhom dizabilita, ma qalitx li qeghda thalli *legato di cosa altrui*, ma qalitx lin-nutar li kienet ghamlet testment *unica charta*, u hemm differenza fil-firem tat-testatrici fiz-zewg testmenti. Il-qorti ma taqbilx meta tqies:-

i. "Hu evidenti li per ezempju l-vettura hallietha lill-uliedha li ghandhom dizabilita' sabiex tkun tista' tintuza ghall-bzonnijiet taghhom.
ii. "Firem fuq testment m'ghandhom x'jaqsmu xejn jekk persuna hijiex f'sensiha jew le.

iii. “Ghalkemm l-atturi jsostnu li n-nutar ma gietx infurmata bit-testment *unica charta* l-qorti m’hijiex daqstant konvinta meta per ezempju tara li l-prelegat imholli lit-tifla Anna huwa identiku.
iv. “Hu minnu li fit-testment ma jissemmix li t-testatrici qeghda thalli legat ta’ haga ta’ haddiehor, izda din hi xi haga li normalment jaghmilha n-nutar minn jeddu sakemm it-testatur ma jkunx midhla tal-ligi.

(3) “In-nutar Gonzi ma wriet l-ebda ezitazzjoni li t-testatrici kienet qeghda tifhem dak li qeghda taghmel, u li riedet taghmel dak li sar. Dan apparti ‘l fatt li, skond ma qalet l-istess nutar, meta nqara t-testment Mifsud ma kenitx prezenti u t-testatrici ma kkummentatx.

“Li hu nkwetanti hu li t-testment sar fil-presenza tal-konvenuta Maria Dolores Mifsud. Mid-deposizzjoni tan-nutar, partikolarment tas-seduta tat-2 ta’ Lulju 2010, hu evidenti li Mifsud hadet sehem attiv fil-konversazzjoni li kien hemm dwar x’ghandu jinghad fit-testment. Minn dak li qalet in-nutar il-qorti hi konvinta l-intervent ta’ Mifsud ma kienx ristrett biss ghal dak li jinghad fl-Ghaxar Artikolu[1]. M’hemmx dubju li ma kienx prudenti li Mifsud tkun prezenti meta tqies li fit-testment ripetutament tissemma bhala beneficjarja. Osservazzjoni li n-nutar stess qablet maghha, u li fil-fehma tal-qorti juri nuqqas ta’ esperjenza tan-nutar fiz-zmien li sar it-testment. Min-naha l-ohra jibqa’ ‘l fatt li Dolores Mifsud kienet il-persuna li tiehu hsieb lit-testatrici u lil hutha li kellhom dizabilita’. Is-sens ta’ rikonoxxenza tal-genituri lejn binthom kien diga’ evidenti fit-testment *unica charta*. Inoltre m’hemmx prova li t-testatrici kienet *“mhedda u mgieghla”* (it-tieni kawzali tac-citazzjoni) minn bintha Mifsud sabiex taghmel it-testment. Kliem li ghall-qorti jfisser biss li t-testatrici ghamlet xi haga kontra l-volonta’ taghha bl-uzu ta’ vjolenza morali. L-ahhar parti tan-nota ta’ sottomissjonijiet tal-atturi hi ntestata *“Kienet priva mill-volonta stante* ***theddid/influwenza*** *ipprattikat minn Maria Dolores Mifsud”*. Fin-nota l-atturi jsostnu li Carmel Cassar kienet **influwenzata** mill-konvenuta Maria Dolores Mifsud. Il-qorti hi tal-fehma li hemm differenza bejn “theddid” u li persuna tigi influwenzata. Ghalkemm il-volonta’ ta’ persuna tista’ tigi nfluwenzata b’theddid, pero’ tista tigi wkoll influwenzata bla theddid.
It-tieni kawzali espressa fic-citazzjoni hi **“theddid”**, li jfisser li t-testatrici ghamlet it-testment kontra r-rieda taghha. Hekk ukoll fl-ewwel talba n-nullita’ tat-testment tat-13 ta’ Ottubru 1997 intalbet *“[…] u/jew kienet ghal kollox priva mill-volonta’ stante theddid prattikat mill-konvenuta Maria Dolores Mifsud”*. Ladarba l-qorti m’hijiex sodisfatta li hemm provi li t-testatrici ghamlet it-testment minhabba theddid, it-talba ma tistax tintlaqa’.

[1] *“It-testatrici tordna illi mal-mewt taghha t-tarag li permezz tieghu l-imsemmija Dolores sive Doris Mifsud ghandha access minn god-dar tar-residenza taghha – u cioe’ Saviour House – ghal god-dar fejn joqghodu it-Testatrici u l-erba’ ahwa l-ohra li huma handikappati – u cioe’ Anna House – ghandu jitnehha u dan ghall-beneficcju ta’ l-istess Doris.*
*In oltre, it-testatrici tordna illi malli jitnehha dan it-tarag, l-area li kienet okkupata minnu tigi maqsuma b’tali mod illi l-art tal-kuritur ta’ Saviour tinharet sal-hajt tal-bitha biex b’hekk kemm Saviour kif ukoll l-proprjeta’ sottostanti – u cioe’ Anna House – jirbhu kamra kull wiehed.”* (fol. 20).

"**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1.** "**Tichad l-ewwel eccezzjoni spejjez kontra l-konvenuti.**
**2.** "**Tilqa' l-kumplament tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tichad it-talbiet tal-atturi bl-ispejjez kontra taghhom**".

**Rikors tal-appell tal-atturi (15.10.2013)**

**3.** L-atturi ħassew ruħhom aggravati bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u għalhekk interponew dan l-appell minnha. L-aggravji tagħhom huma s-segwenti

*L-ewwel aggravju*: *apprezzament żbaljat tal-provi*

**4.** Fl-ewwel lok jilmentaw illi l-ewwel Qorti skartat uħud mix-xhieda (bħal dik tas-sur Imbroll) u kienet żbaljata fl-apprezzament li għamlet tal-provi u li wassalha tasal għall-konklużjoni erronja li l-varjanzi bejn it-testment *unica charta* (tal-21.10.1992) u t-testment in kwistjoni (tat-13.10.1997) kienu minimi meta jirriżulta li t-tieni testment kien kollu a benefiċċju tal-konvenuta Maria Dolores Mifsud.

*It-tieni aggravju*: *mhux minnu li t-testatriċi kellha l-fakultajiet mentali*

**5.** L-appelanti jagħmlu referenza għal diversi provi, mediċi u mhux, u ċirkostanzi li fil-fehma tagħhom juru li t-testatriċi ma kienitx fi stat mental tali li jirrendiha kapaċi tagħmel testment skont il-liġi. Jagħmlu wkoll

referenza għall-ġurisprudenza nostrana u senjatament fejn ġew stabbiliti l-kriterji mentali neċessarji biex individwu jidher fuq testment u jagħmu aċċenn partikolari għad-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' April 2013 fil-kawża fl-ismijiet **Carmen Micallef et v. Madalena Galea**[2] u jgħidu illi għalkemm iċ-ċirkostanzi kienu ferm simili għal dawk tal-kawża odjerna l-qorti waslet għal verdett divers.

*It-tielet aggravju*: *il-preżenza tal-benefiċjarja waqt ir-redazzjoni tat-testment*

**6.** L-appellanti jirrilevaw illi dan il-fatt "serju" irriżulta waqt is-smigħ tax-xhieda u għalkemm il-liġi ma tirravvisax sitwazzjoni fejn benefiċjarju ta' testment ikun preżenti waqt ir-redazzjoni tal-istess, madanakollu, ma jfissirx li tali sitwazzjoni hija waħda aċċettabbli. Jgħidu illi l-preżenza tal-benefiċjarja odjerna titfa' ombra ta' dubju fuq il-validita` tat-testment, liema dubju jiġi mmultiplikat meta wieħed iqis li tat kontribut sostanzjali fil-konfront ta' varji artikoli mill-istess testment, speċjalment fil-konfront ta' dawk li kienet tibbenefika minnhom hi permezz ta' legati u meta jqis ukoll li kienet l-aktar persuna li bbenefikat mit-testment. Għaldaqstant l-appellanti jsostnu li bl-intromissjonijiet tagħha Maria Dolores Mifsud kienet qegħda tesprimi l-volonta` tagħha u mhux tat-testatriċi, u li konsegwentement it-testment ma jirriflettix interament u unikament il-volonta` tat-testatriċi.

[2] Ikkonfermata minn din il-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Mejju 2017

*Ir-raba' aggravju*: *irregolaritajiet oħra*

**7.** L-appellanti jelenkaw is-segwenti fatti li ma tqisux mill-ewwel Qorti u li fil-fehma tagħhom jitfgħu dubji serji dwar ir-regolarita` tal-mod kif ġie redatt it-testment:

(i) Fiż-żmien li sar it-testment kien hemm kwistjonijiet bejn il-partijiet u lkoll kienu qegħdin jagħmlu użu mis-servizzi ta' avukati: huma kienu użaw is-servizzi ta' Dr Michael Spiteri u l-konvenuta kienet tagħmel użu mis-servizzi ta' Dr Jason Azzopardi, li qed jippatroċinaha fil-kawża odjerna;

(ii) In-Nutar Isabelle Gonzi ntagħżlet minn Maria Dolores Mifsud;

(iii) In-Nutar Isabelle Gonzi kienet tipprattika fl-istess uffiċċju tal-avukat Dr Jason Azzopardi;

(iv) It-testment sar fl-istess indirizz ta' fejn Dr Jason Azzopardi kellu l-uffiċċju.

*Il-ħames aggravju*: *talbiet alternattivi u mhux konfliġġenti*

**8.** Jgħidu li dak li l-Qorti rriteniet kien kontradittorju fil-kawżalijiet tal-azzjoni tal-appellanti, anke jekk din l-osservazzjoni ma kellha l-ebda piż fuq l-eżitu tal-kawża, kienu effettivament talbiet alternattivi u mhux konfliġġenti. F'dan ir-rigward jirreferu għal sentenza mogħtija mill-Prim'Awla fil-kawża fl-ismijiet **John Pace noe et v. Carmela Chircop** (04.06.1964) fejn l-allegazzjoni ta' kaptazzjoni u suġġestjoni ġiet deskritta bħala waħda sussidjarja għal dik prinċipali tal-inkapaċita` mentali u li għandha tiġi kkonsidrata f'każ li t-talba prinċipali tiġi miċħuda.

*Is-sitt aggravju*: *theddid/influwenza mill-konvenuta Maria Dolores Mifsud*

**9.** L-appellanti jippreċiżaw illi din il-premessa hija waħda sussidjarja għat-talba prinċipali li t-testatriċi ma kellhiex il-kapaċita` mentali neċessarja. Jgħidu li f'dan ir-rigward ġabu provi biżżejjed li t-testatriċi kienet mhedda u mġiegħla tagħmel it-testment in kwistjoni. Jargumentaw illi l-fatt stess li ċaħħdet lil ommha milli tara lil uliedha huwa indikattiv tat-theddid magħmul fil-konfront tagħha; u jekk mhux frott ta' theddid allura l-unika raġuni plawsibbli hija li ma kienitx mentalment sana.

*Is-seba' aggravju*: *il-provi miġjuba f'din il-kawża*

**10.** Huma finalment jirrilevaw li in sostenn tat-teżi tagħhom ressqu bħala xhieda diversi persuni, liema persuni huma nies professjonali, (bħal tobba u psikjatri), nies involuti f'aġenziji/entitajiet tal-Gvern, nies li jokkupaw karigi ta' responsabbilita` (e.g. is-Sur Anthony Imbroll), nies li huma membri tal-kleru, kif ukoll nies oħra, uħud familjari u qraba tal-kontendenti. Isostnu li dawn kollha jikkonfermaw it-teżi tagħhom u jikkorroboraw il-verżjoni mogħtija minnhom fl-affidavits tagħhom.

**<u>Risposta tal-appell tal-konvenuti appellati (01.11.2013)</u>**

**11.** Il-konvenuti appellati wieġbu biex jgħidu li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma.

**12.** Jidentifikaw il-kwistjonijiet li l-qrati tagħhna identifikaw bħala kardinali fejn ikun qed jiġi impunjat testment u jsostnu li fid-dawl ta' dan l-atturi appellanti ma rnexxilhomx jipprovaw b'mod konklussiv li t-testatriċi Carmela Cassar kienet inkapaċi tagħmel testment fil-mument li għamlet it-testment mertu tal-kawża.

*Iż-żewġ kawżali "konfliġġenti"*

**13.** Huwa opportun li din il-Qorti qabel xejn telabora dwar il-kwistjoni tal-kawżali konfliġġenti li għoġobhom jittrattaw l-atturi appellanti fil-

ħames aggravju tagħhom.

**14.** Fir-rikors ġuramentat tagħhom l-atturi sostnew illi t-tieni testment li għamlet ommhom (tat-13 ta' Ottubru 1997) sar meta hija ma kienitx tippossjedi l-fakoltajiet mentali, b'mod li ma setgħetx tapprezza dak li kienet qegħda tagħmel, u li kienet mhedda u mġegħla tagħmel tali testment minn bintha l-konvenuta Maria Dolores Mifsud. Għalhekk talbu li tiġi dikjarata n-nullita` tat-testment tat-13 ta' Ottubru 1997 minħabba li meta Carmela Cassar għamlet tali testment:

- "*ma kienitx tippossjedi l-fakultajiet mentali tagħha b'mod li ma setgħetx tapprezza dak li qegħda tagħmel*"; u/jew
- "*kienet għal kollox priva mill-volonta` stante theddid prattikat mill-konvenuta Maria Dolores Mifsud*".

**15.** L-ewwel Qorti kkummentat illi ż-żewġ kawżali huma opposti għal xulxin in kwantu l-ewwel waħda hi bbażata fuq l-allegazzjoni tal-inkapaċita` filwaqt li t-tieni waħda tippresupponi li kienet kapaċi tagħmel testment (*libertas testandi*) iżda kienet kondizzjonata. Hija pero` għaddiet biex tikkonsidrahom it-tnejn, u l-kumment tagħha, kif tajjeb osservaw l-istess atturi appellanti, ma kellu l-ebda piż fuq l-eżitu tal-kawża.

**16.** Għalkemm il-kawżali ta' theddid tippresupponi l-kapaċita` tat-testatriċi li tagħmel testment, jibqa' l-fatt li fin-nuqqas li tiġi verifikata l-allegazzjoni tad-dimensja (ossia inkapaċita` mentali assoluta) fil-

mument li ġie redatt it-testment, xorta waħda jista' jirriżulta indeboliment mentali u/jew fiżiku li seta' rrenda l-pożizzjoni tat-testatriċi aktar suxxettibbli għal theddid. Jidher li kien f'dan l-ispirtu, li l-ewwel Qorti, minkejja li kkummentat li l-kawżali huma "opposti" għal xulxin, qisithom sanabbli u kompatibbli tant li qisithom it-tnejn alternattivi għal xulxin.

**17.** Fi kwalunkwe każ, ma tqajmet l-ebda eċċezzjoni dwar in-nullita` tal-azzjoni minħabba kawżali konfliġġenti u din il-kwistjoni wisq anqas ma tifforma mertu ta' dan l-appell. Għalhekk din il-Qorti ma hix ser tinoltra f'din il-materja aktar minn dak premess.

*Kronoloġija*

**18.** Din il-qorti sejra telenka b'mod kronoloġiku il-fatti li jirriżultaw mill-provi prodotti, b'aċċent fuq l-istat mentali tat-testatriċi.

1970s – 1994 Carmela Cassar kienet tieħu l-kalmanti bl-isem ta' "*Limbitrol*" fuq ordni tat-tabib Dr George Vella minħabba dipressjoni li kienet ħakmitha (Affidavit ta' Lorenza Bonnici).

21.10.1992 Testment *unica charta* tal-konjuġi Salvatore u Carmela Cassar fl-atti tan-Nutar Charles Vella Zarb.

10.11.1994 Carmela Cassar iddaħħlet l-isptar San Luqa minħabba uġiegħ abdominali (li rriżulta kellha *acute cholysistitis* – infjammazzjoni tal-marrara).

11.11.1994 Skont in-notamenti tal-isptar San Luqa, kienet "*confused and jumping out of bed".*

12.11.1994 Skont in-notamenti tal-isptar San Luqa kienet "*very confused and had to be sedated repeatedly"*. Ġie osservat illi kellha "*delusions and auditory hallucinations*". Ġiet irraportata tgħid: "*Dockyard workers are talking between themselves all the time, can't you hear them?*" "*A man is combing my hair now*".

Ġie spjegat fl-istess notamenti illi "*At home was on Limbitrol 5mg b.d. but since admission 10/11/94 did not have Limbitrol since she was nil orally. Relatives were informed to get the drug today from home since according to pharmacy drug is not available at St Luke's*".

Waqt eżami psikatriku ġie rapportat illi l-pazjenta kienet "*disorientated to time, place, not to person. The patient is very irritable and agitated and also argumentative. Wishes to leave the ward. Mood good, talk confused, no delusions.*" Ġie ordnat li ma tingħatax aktar "*Limbitrol*", iżda li tingħata minflok "*Serenace*" u "*Valium*".

13.11.1994 Skont in-notamenti tal-isptar San Luqa "*Patient was less confused*".

14.11.1994 Skont in-notamenti tal-isptar San Luqa "*Patient not confused any more*".

04.05.1995 Iddaħlet l-isptar San Luqa biex tagħmel "*cholesistectomy*" (tneħħija tal-marrara).

06.05.1995 Skont in-notamenti tal-isptar San Luqa "*Patient confused all the time*".

07.05.1995 Skont in-notamenti tal-isptar San Luqa "*Patient confused most of the time*".

08.05.1995 Skont in-notamenti tal-isptar San Luqa "*Patient confused, restless. Difficult to communicate with the patient*".

09.05.1995 Skont in-notamenti tal-isptar San Luqa "*Patient was confused*".

22.01.1996 *Ticket of Referral* ta' Dr A Galea Debono, li permezz tiegħu

huwa rrefera lil Carmela Cassar l-isptar għall-investigazzjoni ta' "*dementia*".

13.02.1996 Notamenti tan-Neurology Outpatients: "*Increasing memory disturbance – more obvious since May 1995*".

16.04.1996 Notamenti tan-Neurology Outpatients: "*No headaches but memory deteriorating. Not recognising husband or children at times and mistaking them for her father. Sometimes disoriented*".

19.04.1996 Rapport ta' CT Scan (Brain): *Brain & CSF spaces are normal. No focal lesion seen.*

27.05.1996 Notamenti tan-Neurology Outpatients: "*Patient review – Neurology OPD was being investigated for dementia which became suddenly worse following a fall and hitting her head*".

**19.** Fix-xhieda tiegħu tal-20.01.2011, il-konsulent Dr Anthony Galea Debono, b'referenza għan-notamenti tan-Neurology Outpatients ġie mistoqsi jekk persuna f'dan l-istat hix tajba biex tidher fuq atti pubbliċi bħal testmenti. Huwa spjega li xi kultant ikun hemm "*mumenti luċidi u mumenti fejn ma tkunx u l-assessment irid isir dik il-ġurnata biex ngħidu hekk*". Mistoqsi mill-Imħallef dwar jekk kieku dak iż-żmien kienx

jiċċertifika li hija fi stat li tagħmel atti, huwa rrisponda: "*Ma kontx nagħtiha f'dawn l-istadji li rajtha jien*".

28.06.1997 Miet Salvatore Cassar, ir-raġel tat-testatriċi

04.09.1997 Ċertifikat ta' Dr J. L. Pisani fejn qal li Carmela Cassar kienet "*…under my professional care and that she has been suffering from depression. I further certify that at present, she is mentally fit to manage her affairs and exercise her civil rights*".

**20.** Dr J Pisani laħaq miet u għalhekk ma setax jixhed dwar dan iċ-ċertifikat. Dr Anthony Galea Debono pero` fix-xhieda tiegħu, filwaqt li qal li Dr Pisani huwa bniedem ta' integrita` u li jekk ħareġ tali ċertifikat huwa joqgħod fuqu, qal ukoll illi l-fatt li persuna f'ġurnata partikolari tkun qegħda tifhem, u tkun kapaċi tagħmel atti tal-ħajja ċivili, ma jfissirx li se tkun f'dak l-istat ħames ġimgħat wara. Insista li "*trid tkun hemm dakinhar*".

13.10.1997 Ħames ġimgħat wara li Dr Pisani ħareġ iċ-ċertifikat imsemmi, ġie redatt it-testment mertu tal-kawża fl-atti tan-Nutar Dr Isabelle Gonzi. Ġie dikjarat li Carmela Cassar (it-testatriċi) "*tinsab fi pieni poteri mentali kapaċi skont il-liġi*", u fil-fatt ġie anness iċ-ċertifikat ta' Dr Pisani.

**21.** Fix-xhieda tagħha tat-02.07.2010 in-Nutar Dr Isabelle Gonzi qalet li waqt li kien qed isir it-testment il-konvenuta kienet fil-kamra mat-testatriċi, għalkemm meta hija qratilha t-testment it-testatriċi kienet waħedha. Qalet li d-dettalji personali tagħha kienet tathomla t-testatriċi stess. Mistoqsija fuq l-istat tat-testatriċi qalet "…*naħseb ikkontribwixxiet, I mean tkellimna*". "*Jien I recall it-tnejn bdew jitkellmu and I'm quite sure li Carmela kienet taf sew x'qed jiġri".* "*Kienet qed titkellem quddiemi jiġifieri kienet tidher f'sensiha dak il-ħin żgur*".

**22.** F'depożizzjoni sussegwenti tal-20.05.2011 reġgħet ikkonfermat li meta sar it-testment kien hemm preżenti t-testatriċi Carmela Cassar u wkoll bintha l-konvenuta Maria Dolores Mifsud. Qalet "*I'm quite sure illi t-testatriċi kienet qegħda miegħi fis-sens li yes, I was getting feedback minnha żgur għax kieku ma kontx nagħmlu*"*.* Mistoqsija mill-Imħallef jekk dehrilhiex li kien iżjed xieraq kieku Maria Dolores Mifsud ma kienitx preżenti, wieġbet "*Għandek raġun sur Imħallef. Dak iż-żmien kont għadni relattivament fil-bidu jiena u llum il-ġurnata things would be different*". Dwar l-istat mentali tagħha reġgħet ikkonfermat illi "*I'm sure li fehmet x'qed jiġri jiġifieri. She was aware, yes*"*.* Mistoqsija jekk il-konvenuta għamlitx xi suġġerimenti mhux biss fuq it-taraġ imma tul it-testment kollu, qalet "*Dott jista' jkun, pero` I don't remember clearly, honestly, jiġifieri*". Reġgħet ġiet mistoqsija jekk għamlitx suġġerimenti

fuq it-testment kollu, u rrispondiet: "*Jista' jagħti l-każ li kienet għamlet xi suġġerimenti, iva, pero` ma niftakarx mija fil-mija*".

**23.** Il-konvenuta Maria Dolores Mifsud fl-affidavit tagħha qalet li kienet ommha stess, it-testatriċi Carmela Cassar, li talbitha biex teħodha għand nutar sabiex tagħmel testment. Qalet li fakkritha li missierha kien jgħidilha li kien irid imur jagħmel klawsola fejn it-taraġ jitneħħa u jsir saqaf. Qalet li għalkemm meta sar it-testment hija kienet preżenti, l-unika li tkellmet hi kien fir-rigward tat-taraġ u s-saqaf għaliex in-nutar ma setgħetx tifhem. Sostniet li ma eżerċitat l-ebda pressjoni biex isir it-testment. Fix-xhieda tagħha tat-12 ta' April 2012 spjegat illi dakinhar tat-testment in-Nutar qrat it-testment *unica charta* lil ommha u saqsietha fejn xtaqet tbiddel u ommha spjegatilha. Enfasizzat illi bit-testment li għamlet ommha gawdiet mhux biss hi, iżda wkoll ħutha l-oħra li huma *disabled*.

05.11.1997 Ittra ta' Dr Jason Azzopardi li permezz tagħha informa lill-aturi li Carmela Cassar ma riditx tarahom iktar f'darha.

06.11.1997 Ittra ta' Dr Michael Spiteri indirizzata lil Dr Jason Azzopardi fejn widdbu li kien "*fid-dover li tara u tivverifika hux minnu li 'l-klijenta tiegħek' Carmela Cassar ma tridx tara aktar lil dawn uliedha f'darha*". Huwa ssuġġerilu li Carmela Cassar inġabet fil-preżenza tiegħu mill-

konvenuta Maria Dolores Mifsud li setgħet influenzatha, jew li Maria Dolores Mifsud ippreżentat ruħha waħedha u tkellmet għal ommha, u fakkru f'Regola 6, Kapitolu II, it-Tieni Taqsima tal-Kodiċi ta' Etika u Mġieba għall-Avukati.

17.03.1998 Skont in-notamenti tal-Aġenzija SAPPORT: "*Mrs Bonnici and her sister Mrs Galea came to the office… Their 70 year old mother has been affected by dementia following an operations which she had undergone*".

11.05.1998 Applikazzjoni għal-Respite f'Dar tal-Anzjani, sakemm il-konvenuta tagħmel u tirkupra minn operazzjoni bejn 19.08.1998 – 30.09.1998. (Firma ta' Dr M Rizzo Naudi). Bħala storja medika tniżżel li għandha "*depression*" u tbati minn "*wandering*".

08.08.1998 Skont in-notamenti fil-file ta' St Vincent De Paule ġie indikat li: "*May wander about*" u "*Dementia since >3 years, progressively worse since death of husband 1 year ago*".

**24.** Fix-xhieda tiegħu tat-02.07.2010, Dr Stephen Mangion xehed dwar ir-rikoveru ta' Carmela Cassar fl-isptar St Vincent de Paule. Qal li qatt ma ltaqa' mal-pazjenta, pero` qal illi l-mediċini li kienet qed tieħu jindikaw li jista' jkun li barra d-dimensja kien hemm element ta'

dipressjoni u li meta jkun hemm żewġ kondizzjonijiet fl-istess pazjent ma tkunx taf liema kondizzjoni "*is playing the bigger part".*

29.09.1998 Case Summary maħruġ mill-isptar St Vincent De Paule, fejn kienet "*admitted for respite*". Taħt "clinical details" ġie indikat li "*Patient has advanced dementia, totally disorientated and wandering*…".

03.10.1998 Ċertifikat ta' Dr M Rizzo Naudi fejn qal li Carmela Cassar "*suffers from senile dementia and sever depressive moods as a consequence. She is not in a state to give any evidence or act of own accord*".

11.10.1998 Carmela Cassar daħlet l-isptar Mount Carmel (fejn baqgħet hemm sakemm mietet fl-2004).

14.10.1998 Sar CT scan fuq il-pazjenta.

**25.** Dr Joseph Spiteri – konsulent psikjatra fl-isptar Mount Carmel - fix-xhieda tiegħu tad-19.12.2011 spjega li mis-CT Scan irriżulta li s-sustanza tal-moħħ ta' Carmela Cassar kienet naqqset. Huwa xehed:

> "*Ġialadarba din daħlet fin-1998 u mietet 2004, a conservative estimate hu li dil-pazjenta kienet ilha b'dil-kundizzjoni minn sentejn qabel daħlet Monte Carmeli. Meta aħna niġu biex naraw it-tip ta' dimensja aħna naraw il-cognative faculties tal-pazjent, per eżempju kemm ikun qed jinsa. Fl-estimate li tajtha jien kont konservattiv ħafna*".

**26.** Mistoqsi dwar in-notamenti tal-isptar San Luqa (supra) qal li minnhom ma jistax jasal għall-konklużjoni li kellha d-dimensja. Qal li s-sintomi li joħorġu minn tali notamenti huma ta' delirium. Spjega li "*Waqt li jkun hemm stat ta' delirium ma tistax tagħmel djanjosi ta' dimensja*….ma neskludix li jkun hemm id-dimensja, imma ladarba hu jkun fi stat ta' delirium aħna bħala tobba ma nistgħux nagħmlu assessment għad-dimensja".

05.01.1999 Rikors mill-konvenuta Maria Dolores Mifsud sabiex Carmela Mifsud tiġi interdetta.

13.01.1999 Ċertifikat ta' Dr Joseph Spiteri (Consultant Psychiatrist) fejn qal li Carmela Cassar "*is under my professional care. She is suffering from dementia. At present she is recovered at Mount Carmel Hospital. Mrs Cassar is unable to exert her civil right. She is of unsound mind. In my opinion she would benefit from being interdicted*".

20.01.1999 Carmela Cassar ġiet interdetta b'digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Ċivili (111/99) u l-konvenuta Maria Dolores Mifsud ġiet appuntata kuratriċi tagħha.

24.04.2004 Mietet Carmela Cassar (fl-isptar Mount Carmel, fejn kienet

ilha rikoverata mill-1998).

***<u>It-testment unica charta tal-21.10.1992 u t-testment in kwistjoni tat-13.10.1997</u>***

**27.** Permezz tat-testment *unica charta* tal-21 ta' Ottubru 1992 il-konjuġi Salvatore u Carmela Cassar iddisponew hekk:

- il-premorient iħalli lis-superstiti b'titolu ta' legat l-effetti kollha mobbli (metall prezzjuż, flus kontanti, vettura);

- il-premorient iħalli lis-superstiti b'titolu ta' legat l-usufrutt tal-assi ereditarji l-oħra kollha;

- titolu ta' prelegat lil Anna Cassar il-metall prezzjuż;

- titolu ta' prelegat lil Maria Dolores Mifsud id-dar tal-abitazzjoni tagħha stess (*Saviour*, Triq il-Qalb ta' Ġesu`, Żejtun) inkluż il-bejt_li jiġi fuq il-garaxx tat-testaturi fl-istess triq, liema bejt huwa anness mad-dar imsemmija, flimkien mal-arja libera tagħha, soġġetta pero` din l-arja kif ukoll il-bejt tal-ġaraxx għad-dritt tal-użufrutt favur l-aħwa John, Joseph, Anna u Raymond;

- titolu ta' prelegat lil John, Joseph, Anna u Raymond, l-użufrutt tat-terran nru 25, *Anna House*, Triq Michele Cachia, Żejtun, tal-ħanut nru 65 Triq Papa Piju X, Żejtun, u l-mezzanin ta' ħdejh 64, Triq il-Papa Piju X, Żejtun;

- titolu ta' prelegat lil Mary Rose Galea, Lorenza Bonnici u Catherine Buttigieg (iżda soġġett għall-użufrutt favur John, Joseph, Anna u Raymond) it-terran 25, *Anna House* Triq Michele Cachia, Żejtun (sottopost għall-mezzanin *Saviour*, Triq il-Qalb ta' Ġesu, Żejtun), il-ħanut 25, Triq il-Papa Piju X, Żejtun, u l-mezzanin ta' ħdejh, 64, Triq il-Papa Piju X, Żejtun;

- eredi universali fi kwoti indaqs: <u>erbgħa</u> mit-tmien uliedhom (1) Mary Rose Galea, (2) Maria Dolores Mifsud,(3) Lorenza Bonnici, u (4) Catherine Buttigieg. It-testaturi jobbligaw lill-imsemmija erbgħa uliedhom jieħdu ħsieb u kura ta' ħuthom l-oħra (5) John Cassar (6) Joseph Cassar (7) Anna Cassar u (8) Raymond Cassar u f'każ li xi wieħed mill-erba' eredi jonqos minn tali obbligu, jiddekadi mill-benefiċċju u legati kollha mħollija bis-saħħa tat-testment.

**28.** Permezz tat-testment tat-13 ta' Ottubru 1997, Carmela Cassar iddisponiet hekk:

- titolu ta' prelegat lil Anna Cassar il-metall prezzjuż;

- titolu ta' prelegat lil John Cassar, Joseph Cassar, u Raymond Cassar il-vettura Austin u/jew kwalunkwe vettura oħra li għad ikun hemm f'isem it-testatriċi sad-data tal-mewt tagħha;

- titolu ta' prelegat lil Maria Dolores Mifsud id-dar *Saviour*, Triq il-Qalb ta' Ġesu`, Żejtun bl-arja libera tagħha bħala rikompensa għas-serviġi prestati minnha lit-testatriċi sad-data tat-testment;

- titolu ta' prelegat lil Maria Dolores Mifsud il-ġaraxx anness mad-dar *Saviour*, Triq il-Qalb ta' Ġesu`, Żejtun, inkluż l-arja libera tiegħu bħala rikompensa għas-serviġi li għad iridu jiġu prestati minnha lit-testatriċi u lill-erba ħutha ħandikappati (Anna, John, Joseph u Raymond), b'dan li "*f'każ li tonqos minn dan l-obbligu, l-istess Doris tiddekadi mill-benefiċċju ta' dan il-legat*" – ġie wkoll iċċarat illi jekk wieħed mill-aħwa jew it-testatriċi stess tittieħed f'xi sptar skont il-bżonn jew l-istess Maria Dolores ma tkunx f'saħħitha biżżejjed biex tkompli taqdi dan id-dmir, il-legat jibqa' in vigore;

- titolu ta' prelegat lil Maria Dolores Mifsud kwalunkwe somma li jkun baqa' mill-penzjoni tat-testatriċi;

- titolu ta' prelegat lil John, Joseph, Anna u Raymond l-użufrutt tat-terran 25, *Anna House*, Triq Michele Cachia, Żejtun, (sottopost għall-mezzanin Saviour, Triq il-Qalb ta' Ġesu`, Żejtun) u tal-ħanut 65 u l-mezzanin ta' ħdejh 64, fi Triq il-Papa Piju X, Żejtun;

- eredi universali fi kwoti indaqs: it-tmien ulied: Mary Rose Galea, Maria Dolores Mifsud, Lorenza Bonnici, Catherine Buttigieg, Anna Cassar, John Cassar, Joseph Cassar, u Raymond Cassar;

- alterazzjonijiet wara l-mewt tat-testatriċi: it-taraġ li permezz tiegħu Maria Dolores Mifsud għandha aċċess mid-dar tar-residenza tagħha *Saviour*, għal-ġod-dar *Anna House*, fejn joqgħodu t-testatriċi u l-erba aħwa ħandikappati, għandu jitneħħa għall-benefiċċju ta' Maria Dolores Mifsud u malli jitneħħa, l-area li kienet okkupata minnu tiġi maqsuma b'tali mod li l-art tal-kuridur *Saviour* tinħareġ sal-ħajt tal-bitħa biex b'hekk kemm *Saviour* kif ukoll il-proprjeta` sottostanti *Anna House*, jirbħu kamra kull wieħed.

**29.** Tressqu diversi xhieda da parti tal-atturi biex juru li Carmela Cassar ma kienitx kapaċi mentalment fiż-żmien li għamlet it-testment u wkoll biex juru li l-konvenuta kellha kontroll fuqha u li kienet iġġib ruħha b'mod aggressiv magħha. Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa dawn id-depożizzjonijiet kollha fil-kuntest tal-provi l-oħra prodotti u għalhekk hi

f'pożizzjoni li tagħmel il-konsiderazzjonijiet li ġejjin.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-qorti**

*Dwar l-allegazzjoni tal-inkapaċita` mentali tat-testatriċi*

**30.** Mill-provi miġbura jirriżulta ampjament pruvat illi Carmela Cassar kellha problemi psikoloġiċi/mentali li baqgħu jaggravaw: kellha dipressjoni, mumenti ta' delirju u eventwalment anke dimensja. Baqa' ma ġiex ipprovat fiċ-ċert jekk fil-mument li sar it-testment kellhiex fil-fatt id-dimensja; pero` anke kieku kellu jitqies li fil-fatt diġa kellha d-dimensja f'tali żmien, jidher li xorta waħda kien ikollha mumenti ta' luċidita`. Fil-fatt fl-4 ta' Settembru 1997 (ħames ġimgħat qabel ma sar it-testment) it-tabib Dr J Pisani iċċertifika li kienet "*mentally fit to manage her affairs*". Din il-qorti ma teskludix li possibilment bejn tali data u d-data li fih sar it-testment seta' kien hemm mumenti fejn fil-fatt ma kienitx "*mentally fit to manage her affairs*", imma jidher illi dakinhar li sar it-testment ma kienx wieħed minnhom.

**31.** Kif spjegat l-ewwel Qorti, l-inkapaċita` li persuna tagħmel testment trid tkun b'referenza speċifika għall-mument li fih ikun ġie redatt it-testment u m'għandux wieħed jippreżumi l-inkapaċita` minħabba li xi żmien qabel jew wara tali mument kien hemm

okkażjonijiet meta t-testatur ma kellux għarfien ta' dak li qed jagħmel. Din il-qorti stess fid-deċizjoni li tat fit-18 ta' Lulju 2017 fil-kawża fl-ismijiet **Anton Ellul et v. Maria Busuttil et** enfasizzat kemm huwa ritenut importanti li jiġi determinat l-istat mentali tat-testatur/testatriċi proprju "*fil-punctum temporis meta sar it-testment in kwistjoni*". Qalet ukoll illi:

> "*…l-kapaċita` ta' persuna li tagħmel testment għandha titqies bħala r-regola filwaqt li l-inkapaċita` hija meqjusa bħala l-eċċezzjoni, u li l-liġi toħloq preżunzjoni juris tantum favur il-kapaċita`*".

**32.** Relevanti ħafna hija d-depożizzjoni tan-Nutar Dr Isabell Gonzi li rrediġiet it-testment. Hija enfasizzat illi t-testatriċi kellimitha u li kienet "*fully lucid*" u li kienet taf x'qed jintqal. Veru li nutar mhux persuna medika, iżda ċertament li kienet f'pożizzjoni li tikkonstata jekk Carmela Cassar kienitx qed titkellem bis-sens jew le. Hija stess qalet li kienet ċerta li Carmela Cassar kienet qegħda magħha, għaliex kieku ma kienitx taċċetta li tagħmel it-testment. U fid-dawl taċ-ċertifikat tat-tabib Pisani li sar ħames ġimgħat qabel, din il-qorti tikkonsidra l-verżjoni tan-Nutar bħala waħda verosimili.

**33.** Ladarba ma jirriżultax li Carmela Cassar ma kienitx f'sensiha dakinhar li sar it-testment, l-ewwel kawżali tal-atturi tfalli.

*Dwar l-allegazzjoni li t-testatriċi kienet mhedda u mġegħlha biex tagħmel it-testment*

**34.** Minkejja li din il-qorti ma rriżultalhiex li Carmela Cassar kienet inkapaċi li tagħmel it-testment fil-jum u l-mument li għamlitu, ma tistax ma tikkonsidrax li Carmela Cassar kienet persuna debboli ħafna fiżikament u mentalment u li bħala riżultat ta' dan kienet f'sitwazzjoni vulnerabbli ħafna: sitwazzjoni li faċilment tirrendiha strument f'idejn persuni li jridu jieħdu vantaġġ minn tali sitwazzjoni.

**35.** Din il-qorti ħasbet fit-tul fuq dan il-punt u assolutament mhix konvinta illi d-dispożizzjonijiet tat-testment jirriflettu l-volonta` tat-testatriċi. Temmen illi d-dispożizzjonijiet tat-testment invece jirriflettu l-volonta` tal-konvenuta Maria Dolores Mifsud u li Carmela Cassar għamlet it-testment propju minħabba li ġiet mhedda u mġiegħla li tagħmlu minn bintha l-konvenuta.

**36.** Ta' rilevanza partikolari huwa l-inċident ta' Awwissu 1997, ftit ġimgħat wara l-mewt tal-missier (Salvatore Cassar), meta l-konvenuta għamlitha ċara li riedet taqta' lil ħutha l-atturi milli jidħlu fid-dar ta' ommha, u ż-żjara tas-*social workers* mill-aġenzija SAPPORT f'Marzu 1998. L-evidenza tat-theddid joħroġ ċar:

- Meta Lorenza Bonnici pproponiet lil ommha biex imorru mixja qasira, u din qamet biex tmur, il-konvenuta qaltilha bil-herra li jekk

toħroġ mid-dar ma terġax tidħol u li kellha tagħżel bejnha u bejn uliedha l-atturi. Skont l-istess Lorenza Bonnici, l-omm bdiet "*titriegħed*".

- Joseph Bonnici, ir-raġel ta' Lorenza Bonnici, ikkonferma li hu kien hemm u li l-konvenuta kienet heddedt lil Carmela Cassar li jekk toħroġ mid-dar ma kellhiex ċans li ser terġa' ddaħħalha lura. Qal li bħala riżultat ta' dan Carmela Cassar kienet "*imwerwra*" u ma rieditx toħroġ mid-dar.

- Frans Galea, ir-raġel ta' Maryrose Galea xehed illi kien jara lill-konvenuta tgħolli leħinha ma' ommha Carmela Galea b'mod arroganti, u kienet tpoġġi l-kliem b'mod "*aggressiv*".

- Ir-rapport tas-*social worker* Tania Catania mill-aġenzija SAPPORT jirraporta dak li ġie osservat minnha u mill-kollega tagħha Andrew Azzopardi meta fit-23 ta' Marzu 1998 għamlu żjara fid-dar ta' Carmela Cassar. Għalkemm dan kien ftit tax-xhur wara li sar it-testment in kwistjoni, jitfa' ħafna dawl fuq id-dinamika tar-relazzjoni bejn Carmela Cassar u bintha l-konvenuta. Skont dan ir-rapport Carmela Cassar insistiet li ma riditx lil uliedha l-atturi jkollhom aċċess għal darha. "*However this statement from the mother was preceeded by the elder sister's declaration that if her sisters enter this house, she will*

*immediately stop helping all five of them*".[3]

- Fix-xhieda tiegħu tat-2 ta' Lulju 2010 fil-fatt Andrew Azzopardi qal li kien osserva li Carmela Cassar kienet tidher *tense* u anzjuża.

**37.** Dawn il-provi kollha jindikaw kemm Carmela Cassar kellha biża kbira li l-konvenuta ma tibqax tieħu ħsiebha u ħsieb l-erba' uliedha li għandhom diżabbilita` (ħut il-konvenuta) u huwa ferm ovvju li l-konvenuta ħadet vantaġġ minn tali sitwazzjoni. Din il-qorti hija tal-ferma konvinzjoni li hekk kif il-konvenuta heddet lil Carmela Cassar illi jekk toħroġ tippassiġġa mal-attriċi Lorenza Bonnici ma kienitx ser iddaħħalha d-dar, u għamlitilha pressjoni biex tagħżel bejnha u bejn ħutha l-oħra; u hekk kif il-konvenuta ddikjarat quddiem is-*social workers* f'Marzu 1998 (u fil-preżenza ta' ommha) illi jekk jidħlu l-atturi fid-dar hija kienet immedjatament tieqaf tgħin lil ommha u lil ħutha; hekk ukoll fiż-żmien li sar it-tieni testment il-provi ċirkostanzjali jirrendu ferm probabbli li l-konvenuta għamlet pressjoni fuq ommha billi hedditha li jekk ma tmurx tbiddel l-ewwel testment kienet ser tieqaf tieħu ħsiebha u ħsieb ħutha li għandhom diżabbilita`. Dan qed jingħad għaliex ladarba Maria Dolores Mifsud kienet kapaċi tasal tgħid il-kliem li qalet fil-preżenza ta' Lorenza u Joseph Bonnici, u saħansitra fil-preżenza tas-*social workers*, wieħed jista' faċilment jinferixxi kif kienet tkellem lil ommha meta kienet tkun waħedha magħha. Huwa wisq evidenti li l-konvenuta ma kienitx

[3] cioe: lil omma u lill-erba' ħutha li għandhom diżabilita`

iżżomm lura milli tuża l-"arma" li użat f'okkażżjonijiet oħra, u ċioe` l-minaċċja li ma tibqax tiegħu Carmela Cassar u ħsieb ħutha, biex iġġiegħel lil ommha toqgħod għal li tgħidilha hi. Issir ukoll referenza għax-xhieda ta' Paul Curmi, fejn qal li Carmela Cassar kienet dejjem moħħha fit-tfal: *x'se jsir mit-tfal*. Dan kien fattur importanti għaliha.

**38.** Għalhekk tenut kont tal-indeboliment mentali u fiżiku ta' Carmela Cassar li kien jirrendiha persuna ferm vulnerabbli, u tenut kont tal-anzjeta` li kellha dwar il-kura ta' uliedha li jsofru minn diżabilitajiet (u ovvjament ukoll il-kura tagħha stess) ma kienx diffiċli għall-konvenuta li tieħu vantaġġ minn tali ċirkostanzi. Kif ikkummentat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tal-kawża fl-ismijiet **Pace v. Chircop** (fuq ċitata), huwa floku li "*l-indeboliment mentali u fiżiku jiġi kkunsidrat, apparti mill-inkapaċita`, anke bħala element tal-attrazzjoni iżjed faċli tad-dolo*".

**39.** Jiġi enfasizzat ukoll illi s-suġġett tat-testment u tal-wirt li kienu se jieħdu hi u ħutha l-atturi jidher li kien xi ħaġa li kien kontinwament iberren f'moħħ il-konvenuta. Skont ir-rapport tas-*social worker*, dakinhar li hija qalet li jekk jidħlu l-atturi fid-dar hija kienet immedjatament tieqaf tieħu ħsieb ommha u ħuta, hija ġiet irraportata tgħid ukoll is-segwenti:

> "*The elder sister accused her three sisters of having ulterior motives for wanting to have access to their mother's house. She states that if they do not take care of their disabled brothers and sisters, they will be left out of the will, and this is the real reason why they want to have*

*access to the house*".

**40.** Dan ovvjament qalitu b'referenza għat-testment *unica charta* fejn kien ġie stipulat illi jekk xi waħda mill-atturi u l-konvenuta (li kienu nominati bħala l-erba' eredi universali) tonqos milli tieħu ħsieb l-erbgħa aħwa l-oħra li għandhom id-diżabilita`, hija tkun intitolata biss għal-leġittima. Interessanti wieħed josserva pero` illi f'tali data meta l-konvenuta qalet l-imsemmi diskors lis-*social workers*, kienet diġa ħadet lil ommha għand in-Nutar Isabelle Gonzi biex isir it-testment mertu ta' din il-kawża, u abbażi tiegħu jirriżulta li kien invece fl-interess tal-istess konvenuta illi l-kura ta' ommha u ħutha tkun f'idejha biss sabiex hija tkun tista' tibbenefika mill-prelegat mogħti bħala serviġi lilha. Għaldaqstant in vista tat-testment in kwistjoni, kien fl-interess tal-konvenuta li taqta' l-kuntatt li kellhom l-atturi ma' ommhom. Jingħad ukoll illi l-ittra li intbagħtet minn Dr Jason Azzopardi (allegatament fuq inkarigu ta' Carmela Cassar) lill-atturi sabiex dawn jiġu informati li ommhom ma ridithomx iktar f'darha, tassigura ċirkostanzi perfetti li jservu bħala bażi sabiex il-ħames artikolu tat-testment (li fih tħalla lill-konvenuta l-garaxx bl-arja tiegħu bħala serviġi futuri, bl-intiża li jekk tonqos li tagħti s-serviġi hija tiddekadi mill-beneficcju tal-legat) ikun jista' jiġi implimentat. Dawn huma ċirkostanzi fejn tispikka ferm l-impronta tal-konvenuta.

**41.** B'referenza għall-osservazzjoni tal-konvenuti appellati illi t-testment in kwistjoni mhux in sostanza wisq divers minn dak *unica*

*charta*, għandu jingħad illi b'komparazzjoni mat-testment preċedenti, bit-testment in kwistjoni effettivament ġie li l-konvenuta Maria Dolores Mifsud ibbenifikat iktar u l-atturi marru ferm iktar ħazin. Iżda anke jekk jiġi argumentat illi t-testment in kwistjoni mhux wieħed irraġonevoli b'daqshekk ma jfissirx li ma sarx bil-pressjoni tal-konvenuta. F'dan ir-rigward issir referenza għall-insenjament ta' din il-qorti stess fid-deċiżjoni li tat fil-kawża fl-ismijiet **Angelo Saliba et v. Josephine Saliba** fit-23 ta' Ottubu 2017:

> "*L-argument imsejjes fuq jekk id-dispożizzjonijiet fir-testment humiex "raġonevoli" ma huwiex konklussiv għax jista' jqarraq. Jekk, bħal fil-każ ta' llum in-nutar kellha tiddependi fuq il-benefiċjarji stess biex tinterpreta r-rieda tat-testatriċi, dawn seta' kellhom għaqal biżżejjed biex ma jagħmluhiex wisq ovvja b'dispożizzjonijiet esaġeratament favorevoli għalihom li t-testment ikun sar fuq suġġeriment tagħhom. Jista' jkun li jkollhom għaqal biżżejjed biex jifhmu illi jekk ikunu żaqqieqa wisq sejrin jinkixfu….argument imsejjes fuq ir-raġonevolezza tad-dispożizzjonijiet ma huwiex konklussiv daqskemm jista' jkun konklussiv argument imsejjes fuq l-irraġonevolezza*".

## Deċiżjoni

Għal dawn il-motivi din il-qorti qegħda tilqa' l-appell tal-atturi, tirrevoka s-sentenza appellata, u:

(1) Tilqa' l-ewwel talba tal-atturi in kwantu tiddikjara li meta Carmela Cassar għamlet it-testment tat-13 ta' Ottubru 1997 fl-atti tan-nutar Dr Isabelle Gonzi kienet priva mill-volonta` stante theddid prattikat mill-konvenuta Maria Dolores Mifsud;

(2) Tiddikjara li t-testment huwa għal kollox null u mingħajr effett fil-liġi.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-konvenuta Maria Dolores Mifsud.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb